Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 368 / 2017

Il-Pulizja

Spettur Victor Aquilina

Vs

Raymond Mifsud

Illum 31 ta' Jannar, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Raymond Mifsud detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 201965 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fid-19 ta' April, 2017 u matul l-ahhar jiem ta' qabel din id-data gewwa dawn il-gzejjer impjega jew ta' xoghol lil persuna li ma kienx persuna ezenti u li ma kellux licenzja moghtija lilu ghal dak l-impjieg jew xoghol skont id-disposizzjonijiet ta' l-Att ta' Immigrazzjoni tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, jew mod iehor ghen jew assista persuna ezenti fl-ghemil ta' reat mahsub taht l-Artikolu 32 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

U akkuzat ukoll talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, bhala l-persuna responsabbli tax-xoghol Executive Booking Office Ltd, impjega persuna li ma kienx cittadin ta' Malta meta dan il-persuna ma kellux permess validu u ufficjali kif hemm imnizzel fir-regolament numru 7 tal-Avviz Legali 110 tas-sena 1993.

U aktar ukoll talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi bhala l-principal jew il-persuna li mpjega persuna ohra 'full time', 'part time' jew xort' ohra b' kuntratt definit jew indefint jew bi prova, naqas li jinnotifika lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig b' dan l-impjieg kif hemm fl-Avviz Legali 110 tas-sena 1993 [3a u 10].

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-5 ta' Settembru, 2017, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoll 32 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolament 7 tal-Avviz Legali 110 tas-sena 1993, sabet lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif migjuba fil-konfront tieghu ikkundannatu multa ta' elf u mitejn ewro (€ 1,200).

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Raymond Mifsud, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-14 t' Settembru, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, filwaqt li tikkonferma s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikaturi Kriminali tal-15 ta Marzu, 2017 u dan in rigward is-sejbien ta' htija tvarja sentenza citata fejn sabitu hati u ikkundannatu ghal hlas tal-multa ta' elf u mitejn ewro, u teroga piena aktar mite u konformi mar-regoli u cirkostanzi tal-kaz in ezami.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti f'dan li sejjer jinghad:

1. Illi l-ewwel aggravju huwa riferibilment ghal assorbiment tar-reati billi id-dicitura tar-reati adebitati huma effettivament l-istess, u ghaldaqstant ghandu jigi dikjarat li l-aktar reat gravi jassorbi ir-reati aktar minuri, billi ir-reata hija intiza l-istess fiz-zewg istanzi legali tal-ewwel u t-tieni akkuza u cioe' li haddem persuna minghajr il-permess necessarju

A kjarezza jinghad li An 32 (1) B tal-Kap 217 jghid li

> Kull persuna li - (b) timpjega, jew taghti xoghol lil, xi persuna li ma tkunx persuna ezenti u li ma jkollhiex licenza moghtija lilha ghal dak l-impieg jew xoghol skont id-disposizzjonjiet ta' dan l-Att, jew b' mod iehor tghin jew jassisti lil xi persuna li ma tkunx persuna ezenti fl-eghmil ta' reat mahsub fl-artikolu 23;

U li l-piena

> meta tinsab hatja mill-Qorti tal-Magistrati, multa ta' mhux izjed minn hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu (11, 646. 87) jew pngunenja ghal zmien ta' mhux aktar minn sentejn jew dik il-multa u prigunerija flimkien, kemm - il darba mhix stabbilila ghal dak ir-reat piena akbar b' ligi ohra.

Ir-regolament 7 tal-hekk indikat AL 110 / 1993 (cioe' SL 343.23) jghid hekk

> Kull prinoipal li jimpjega xi persuna li ma tkunx cittadin ta' Malta, sakemm dik il-persuna ma jkollhiex permess tax-xoghol, ikun hati ta' reat u

U l-piena relattiva

> jehel, meta jinstab hati, multa ta 'mhux inqas minn elf u mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1, 161.69) u mhux izjed minn elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37), u l-Qorti ghandha, fuq talba tal-prosekuzzjoni u b' zieda ma' dik il-piena, tordna s-sospensjoni jew it-thassir ta' kull licenza mizmuma minn min jaghmel ir-reat, u li tkun relattiva ghal kummerc jew negozju, jew relattiva ghal xi post tan-negozju fejn tkun impjegata dik il-persuna. Id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Probation ma ghandhomx japplikaw dwar xi reat bhal dak.

Illi qari akurat tal-ligi jindika li dawn huma l-istess reat b' pieni differenti. imma cari li l-piena erogata ghad-delitt taht l-Artikolu 32 tal-Kap 217 hija l-aktar wahda gravi billi tikkomporta fiha piena karcerarja, li ma tidhirx f' dik kontemplata fit-tieni

akkuza. Dan jemergi ukoll meta wiehed ihares lejn is-sitwazzjoni kuntrarja kontemplata fil-ligi fl-Artikolu 19 tal-Kap 9. B′ hekk jinghad li argumentando a contrario senso, il-Piena li dejjem ghandha tigi erogata ghal reati jemergu rninn zewg ligijiet differenti u li fihom ikunu jinsabu c-cirkostanzi kollha imsemmija f′ dik il-ligi ohra, hija dik il-piena tar-reat li jikkonternpla l-aktar piena gravi.

Mela hawn il-legislatur ried illi meta l-andament tal-ligi jikreja reati b′ piena akbar, hija dik il-piena akbar li ghandha tinghata, dan ukoll kontrarju ghal dak li hemm mahsub fl-Att dwar l-lnterpretazzjoni dwar il-pieni, u cioe′ li t-tibdil tal-pieni matul iz-zmien (bejn ir-reat u is-sentenza), ghandu jibbenifika lill-akkuzat bl-erogazjoni tal-piena minima.

2. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost jinghad ukoll, li dato ma non concesso li dawn huma zewg delitti separati. il-konkors tal-pieni IL Artikolu 17 sub inciz li jghid hekk:

> Persuna hatja ta′ delitt wiehed jew aktar u ta′ kontravvenzjoni wahda jew aktaz tigi ikkundannata biss ghall-piena stabbilita ghad-delitt jew ghall-piena li jkun imissha tinghata lill-hati minhabba l-konkors ta′ aktar minn delitt wiehed skont ir-regoli stabbiliti fil-paragrafi ta′ qabel dan, jekk il-piena li jmissha tinghata ghad-delitti ma tkunx anqas minn tliet xhur prigunerija. Jekk il-piena li jmissha tinghata ghad-delitti tkun anqas minn tlett xhur prigunerija, ghandha tigi moghtija wkoll il-piena stabbilita ghall-kontravvenzjoni jew il-piena li jmiss tinghata fil-kaz ta′ aktar minn kontravvenzjoni wahda, skont ir-regoli mnizzla fil-paragrafu ta ′ qabel dan;

Li jaghmel referena ghas-subinciz b,

> persuna hatja ta′ zewg delitti jew izjed, li jaqghu taht pieni li jnaqqsu ghal zmien il-liberta personali, tigi kkundannata ghall-piena tad-delitt l-aktar gravi bz-zieda minn terz san-nofs taz-zmien tal-pieni l-ohra kollha mehudin flimkien;

Mela galadarba d-delitt l-aktar gravi huwa dak li jgorr mieghu terminu ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn sentejn u cioe' dak kontemplat fl-Artikolu 32 tal-Kap 217 dik il-Qorti kienet marbuta li tapplika il-piena ta' dak ir-reat, li ghalkemm ghandu massimu ma ghandux minimu, la f' dak li huwa zmien ta' prigunerija u lanqas f' dak li huwa il-Multa. U galadarba it-tieni reat jikkontempla biss il-multa, ma hemmx zieda fiz-zmien kif limitatament rikjest fil-ligi fl-imsemmi sub incis tal-Artikolu 17 tal-Kap 9.

U ghalhekk il-piena li kellha tkun erogata hija dik diss skont l-Artikolu 32 tal-Kap 217 u cioe'

> Multa ta' mhux izjed minn hdax-elf sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu (11.646.87) jew printnerija ghal zmien ta' mhux aktar minn sentejn jew dik il-multa u prigunerija flimkien.

3. Jidher ghalhekk li thares minn fejn thares f' din is-sitwazzjoni issib li il-piena li kellha tigi erogata hija dik tal-Artikolu 32 tal-Kap 217.
4. Illi l-ammisjoni tal-imputat mal-Pulizija u quddiem il-Qorti flimkien mal-animus tieghu fil-kaz in ezami huma zewg fatturi militanti favur erogazzjoni ta' piena hafna aktar miti milli dik inflitta u hafna aktar lejn il-minimu stabilit mill-ligi.
5. Illi subordintament u bla pregudizju ghal dak hawn fuq espost, jigi rilevat li c-citazzjoni kif redatta, hija nieqsa mill-korrettezza legali, filli qed jigi kwotat avviz legali li in essenza ma ghadux fis-sehh kif kien ippublikat, u allura ma jinkwadrax fih dik ic-certezza legali li huwa necessarju fil-kamp kriminali. Ghal kjarezzi jigi sottomess li l-avviz legali 110 tas-sena 1993 gie rivedut u sussegwentement emendat bl-Avviz Legaii 144 tal-199, l-Avviz Legali 424 tal-2007 u l-Avviz Legah 426 tal-2012, u illum dawn kollha jissejjhu korrettement Legislazzjoni Sussidjarja 343.23 tal-Ligijiet ta' Malta u dan skont kif dak li hemm ritenut fl-Att tal-1980 dwar r-Revizjoni tal-Ligijiet Statutarji.

Ikkunsidrat,

Illi l-appell imressaq mill-appellanti huwa marbut biss man-natura tal-piena inflitta mill-Ewwel Qorti ghaliex huwa tal-fehma illi jezisti il-konkors formali ta' reati billi l-akkuzi kollha jirreferu ghal fatt illi huwa haddem persuna ta' nazzjonalita barranija minghajr il-permessi necessarji mahruga mill-awtoritajiet koncernati. Kwindi l-appellanti jishaq illi l-Ewwel Qorti kellha tapplika l-piena ghar-reat l-iktar gravi u cioe' dak ikkontemplat fl-artikolu 32 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Att dwar l-Immigrazzjoni u mhux ukoll dik il-piena mahsuba fil-legislazzjoni sussidjarja li taqa' taht il-Kapitolu 343 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-assorbiment tar-reat minuri f'dak aktar gravuz. Subordinatament iqies allura, jekk dan l-aggravvju ma jintlaqax, ghandu jirrizulta il-konkors materjali bl-applikazzjoni allura ta'l-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali. Fi kwalunkwe kaz jilmenta illi l-piena erogata kienet wahda eccessiva fejn anke fil-fehma tieghu setghet tigi inflitta piena alternattiva ghal dik tal-prigunerija kif mahsub fl-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-ewwel Qorti ghogobha fid-diskrezzjoni fdata lilha fil-ligi tinfliggi il-piena ta'l-multa ta' €1200 ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu u ammessi minnu *in toto*. Illi l-appellanti gie mixli bi tlett reati. L-artikolu 32 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta jitkellem dwar ir-reat ta' min jaghti impjieg lil persuna li ma tkunx cittadin ta' Malta u li ma ikollhiex il-permessi necessarji biex tahdem u tghix Malta. Ir-reat huwa ikkontemplat taht il-ligi dwar l-Immigrazzjoni u allura titkellem dwar dawk in-nies ta' nazzjonalita barranija li jkunu jinstabu Malta minghajr il-permessi ta' residenza jew impjieg. Iz-zewg akkuzi l-ohra, imbaghad jaqaw taht il-ligi ta'l-impjiegi u cioe' il-Kapitolu 343 tal-Ligijiet ta' Malta u precisament dik il-Legislazzjoni sussidjarja li titkellem dwar in-notifikazzjoni li ghandha tinghata mill-principal lill-Korporazzjoni tat-Tahrig u Impjiegi dwar l-impjegati li ikun qieghed ihaddem u allura tirregola l-avviz li ghandu jinghata minn min ihaddem fost l-ohrajn dwar impjegati li mhumiex cittadini ta' Malta. Konsegwentment tissanzjona lil kull min ma jaghtix dan l-avviz u jkun qieghed jimpjiega tali persuni minghajr il-permessi necessarji tax-xoghol.

Huwa bil-wisq evidenti illi f'dan il-kaz l-istess fatt qed jaghti lok ghal kummissjoni ta' iktar minn reat wiehed ghaliex bil-fatt illi l-appellanti impjiega immigrant irregolari huwa mhux biss ikkometta vjolazzjoni tal-ligi ta'l-immigrazzjoni, izda

ukoll l-ligi li tirregola l-impjiegi, b'dan ghalhekk illi huwa kien qed jimpjiega persuna mhux ta' cittadinanza maltija minghajr il-permessi neecssarji u allura naqas li jaghti avviz lill-Korporazzjoni tat-Tahrig u Impjiegi dwar dan il-fatt. Dan ifisser, kif gustament jishaq l-appellanti, illi ghandu jkun hemm l-assorbiment tar-reat l-iktar gravi mahsub fil-Kapitolu 217 f'dawk minuri u cioe' dawk dwar il-ksur tar-regolamenti mahsuba fil-Legislazzjoni ssussidjarja 343.23.
Illi dina l-ipotezi tal-konkors formali tar-reati giet imfissra fl-artikolu 78 tal-Kodici penali Taljan tal-1889:

"***Colui che con un medesimo fatto viola diverse disposizioni di legge, e' punito secondo la disposizione che stabilisce la pena piu' grave.***"

Dwar dan il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu dawar il-Proċedura (paġina 45) jgħid hekk:

***'In any such case if the agent is tried for any one of the several violations of the law arising out of that fact, be it even the least serious, and a judgement is given, it shall not be lawful to subject the agent to another trial for the more serious violations. This principle, first expressly affirmed in 'Rex versus Rosaria Portelli' has now become settled law."***

"Fil-fatt fit-2 ta' Diċembru, 1939, l-Imħallef Harding fil-każ **'Camilleri versus Cilia'** kien qal li huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna li meta mill-istess fatt, **mibni fuq l-istess intenzjoni,** jinkisru żewġ drittijiet jew aktar, **m'hemmx pluralita' ta' offiżi iżda offiża waħda** bil-vjolazzjoni li jkunu iżgħar jkunu assorbiti fil-vjolazzjoni l-aktar serja. U jekk persuna tkun iġġudikata għal waħda mill-vjolazzjonijiet u jkun meħlus jew jinsab ħati, is-sentenza iżżomm kull prosekuzzjoni ġdida li tista' ssir għal kull vjolazzjoni oħra, ukoll jekk il-vjolazzjoni li jkun tressaq fuqha l-ewwel darba tkun l-anqas waħda serja.[1]"

Dwar il-konkors formali l-Professur Anthony Mamo fin-Noti tiegħu ikompli jgħid hekk:

---

[1] Il-Pulizija vs Gregory Paul Brincat et – App.Inf. 20/09/2012

***"The first form of the formal or Ideal concursus arises where the same 'fact' constitutes an offence under two or more provisions of the law. The two elements are, therefore, one fact and several violations of the law.... It is essential that the violations of the several provisions of the law be the result of a single action on the part of the offender and the same criminal determination.....in other words, they are accompanied by one formal element of the offence. That which therefore prevails in determining whether the fact was one is the assessment of the intention and the purpose of the agent.***

***But, on the other hand, it must be noted that the 'fact' may consist of several acts or a series of acts which, being inspired by one single criminal purpose, constitute together one single deed or transaction.' (page 152)."***

Issa il-piena mahsuba fl-artikolu 32 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijet ta' Malta hija dik tal-multa ta' mhux aktar minn €11,646.87 jew prigunerija ghal zmien mhux aktar minn sentejn jew dik il-piena tal-multa u il-prigunerija flimkien. Il-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet dik tal-multa ta' €1200 u kwindi taqa' sewwasew fil-parametri dettati fil-ligi. Din il-Qorti ghalhekk ma issib l-ebda mottiv li tista' twassalha biex tvarja il-piena inflitta mill-Ewwel Qorti billi kienet wahda gusta fic-cirkostanzi tal-kaz, ghalkemm l-appellanti dehrlu li kellhom jigi applikati fil-konfront tieghu id-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta minflok.

Illi gie stabbilit b'mod kopjuz fil-gurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bhala regola ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-ewwel Qorti b'dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet taghti f'dawk ic-cirkostanzi kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*". Illi din il-Qorti ma tistax tvarja l-piena li tigi erogata ghaliex hija ix-xewqa ta'l-appellanti li ikun hemm l-applikazzjoni ta'l-artikolu 22 kif imfisser u mhux dik tal-multa fil-konfront tieghu. Li kieku nispiccaw f'sitwazzjoni assurda fejn kull persuna misjuba hatja tappella mid-decizjoni tal-Ewwel Qorti ghaliex tippreferi piena partikolari u mhux dik erogata u tiddetta hi lil qorti liema hija dik il-piena li tghodd ghaliha! Illi ghalkemm l-appellanti allura ghandu ragun fl-argumenti ta' dritt li ressaq dwar il-mod kif ghandha tigi erogata il-piena meta jkun hemm il-konkors tar-reati, madanakollu huwa indubitat illi l-piena erogata fi kwalunkwe kaz taqa'

sewwasew fil-parametri tal-ligi u anzi hija 'il boghod hafna mill-massimu mahsub fil-ligi. Kwindi il-lanjanza imressqa il quddiem mill-appellanti ma tistax tigi akkolt.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata qed tigi ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur